## @EU_Health

**Nerġgħu nibdew bit-tilqim kontra l-ħosba**
**#UnitedInProtection**

**Riferimenti Suġġeriti**
TW: @EU_Health, @EU_Commission
IG: europeancommission
FB: EuropeanCommission

**Hashtags:**
Kampanja: #UnitedInProtection
UE: #HealthUnion

Issieħeb fil-kampanja tal-#UnitedInProtection u għinna nqajmu għarfien dwar l-importanza u l-benefiċċji tat-tilqim f'kull stadju tal-ħajja. It-tilqim kontra l-ħosba — ġeneralment permezz tal-vaċċin ikkombinat tal-MMR (il-ħosba, il-gattone, u r-rubella) — naqqas b'mod drammatiku l-inċidenza tal-ħosba fl-Ewropa, iżda fejn jgħixu gruppi ta' persuni mhux imlaqqma, iseħħu t-tifqigħat. Fil-fatt, il-ħosba tibqa' marda serja. It-tilqim huwa sikur u huwa l-uniku mod effettiv ta' protezzjoni kontrih.

Bl-appoġġ tiegħek, nittamaw li nxerrdu dawn il-messaġġi fuq firxa wiesgħa ħafna. Hawnhekk se ssib xi suġġerimenti ta' promozzjonijiet viżivi ta' messaġġi li jistgħu jiġu editjati u li tista' tuża fil-bullettini, fil-paġni web u fil-media soċjali tiegħek. Flimkien aħna nkunu #UnitedInProtection.

**Kards għall-media soċjali**

| | Kard għall-ikkopjar | Kard għall-ippostjar |
|---|---|---|
| | Il-ħosba hija marda serja, li tista' tiġi evitata b'mod sikur bit-tilqim.<br><br>Tlaqqam: kun protett.<br><br>#UnitedInProtection | Il-ħosba hi marda virali kuntaġġuża ħafna li tista' tittieħed fi kwalunkwe età, u li tista' tinfirex ħafna u malajr.<br><br>It-tilqim naqqas b'mod drammatiku l-inċidenza tal-ħosba fl-Ewropa, iżda l-każijiet qed jerġgħu jiżdiedu. It-tifqigħat iseħħu meta jkun hemm gruppi ta' nies mhux imlaqqma.<br><br>Tlaqqam: kun protett.<br><br>Aqra aktar 👉 [link]<br><br>#UnitedInProtection |
| | Matul il-pandemija miljuni ta' tfal tilfu l-opportunitajiet ta' tilqim li jsalva l-ħajja, inkluż għall-ħosba, iżda mhuwiex tard wisq biex nirkupraw.<br><br>Tlaqqam: kun protett.<br><br>#UnitedInProtection | Il-pandemija kienet bla preċedent, u fixklet kull qasam ta' ħajjitna. Madankollu, il-benefiċċji tat-tilqim tul il-ħajja huma ċari u allura ejjew nerġgħu lura fit-triq it-tajba.<br><br>Tkellem mal-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek dwar kif tirkupra t-tilqim tal-MMR jekk int jew uliedek tilfu xi waħda miż-żewġ dożi rakkomandati.<br><br>Skopri aktar fuq ➡ [link]<br><br>#UnitedInProtection |
| | Il-vaċċin tal-ħosba ilu jintuża għal kważi 60 sena. Huwa sikur u jaħdem. | Il-ġenituri kollha jridu l-aħjar għal uliedhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | Tlaqqam: kun protett.<br><br>#UnitedInProtection | Billi tikseb informazzjoni minn sorsi fdati, tista’ tieħu l-aħjar deċiżjonijiet u tagħti lil uliedek bidu b’saħħtu fil-ħajja.<br><br>Il-pedjatriku jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa ta’ wliedek qegħdin hemm biex jgħinu u jwieġbu kwalunkwe mistoqsija li jista’ jkollok.<br><br>Ħa nkunu #UnitedInProtection<br>Tlaqqam: kun protett.<br><br>Sir taf aktar fuq 👉 [link] |